



2024/1794

25.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/1794

tal-24 ta' Ġunju 2024

dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi tad-Difiża Kenjani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509⁽¹⁾ tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) għall-finanzjament mill-Istati Membri tal-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni biex tinżamm il-paċi, jiġu prevenuti l-konflitti u tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2), il-punt (c), tat-Trattat. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-EPF għandha tintuża biex tiffinanzja miżuri ta' assistenza bħal azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali b'rabta ma' kwistjonijiet militari u ta' difiża.
- (2) L-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-reġjun tal-Afrika tal-Lvant għandhom impatt negattiv dirett fuq l-interessi strateġiċi tal-Kenja. L-attakki fuq it-territorju Kenjan m'għadhomx limitati għaż-żoni kostali. Il-Kenja tesperjenza t-theddida tat-terroriżmu primarjament tul il-fruntiera mas-Somalja, bil-forzi tas-sigurtà jkunu l-miri prinċipali, filwaqt li l-infrastruttura ewlenija wkoll qed tkun dejjem aktar immirata.
- (3) L-iżgurur tal-istabbiltà, is-sovranià u l-integrità territorjali ġenerali tal-Kenja, u l-promozzjoni tal-iżvilupp paċifiku, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2018 dwar l-Approċċ Integrat għal konflitti u kriżijiet esterni, huma prijoritajiet ewlenija għall-Unjoni.
- (4) Fid-9 ta' April 2024, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà irċieva talba mill-Kenja biex l-Unjoni tappoġġa lill-Forzi tad-Difiża Kenjani taħt l-EPF.
- (5) Il-miżuri ta' assistenza għandhom jiġu implimentati b'kont meħud tal-prinċipji u r-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, b'mod partikolari f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK⁽²⁾, u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjati taħt l-EPF.
- (6) Il-Kunsill jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jipproteġi, jipromwovi u jirrealizza d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi u li jsaħħaħ l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u liġi umanitarja internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Stabbiliment, objettivi, kamp ta' applikazzjoni u durata

1. Hija b'dan stabbilita miżura ta' assistenza (il-"miżura ta' assistenza") li tibbenifika minnha l-Kenja (il-"benefiċjarju"), li għandha tiġi ffinanzjata mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF).
2. L-objettiv tal-miżura ta' assistenza huwa li jissaħħu l-kapaċitajiet operazzjonali tal-Forzi tad-Difiża Kenjani biex jipproteġu l-integrità territorjali u s-sovranià tal-Kenja u l-popolazzjoni ċivili tagħha kontra theddid intern u estern, żoni tal-fruntiera siguri, u jiġġieldu ż-żieda fl-operazzjonijiet ta' al-Shabaab tul il-fruntiera mas-Somalja.
3. Biex jintlaħaq l-objettiv stipulat fil-paragrafu 2, il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja t-tipi ta' tagħmir li ġejjin mhux imfassla biex iwasslu forza letali:

(a) vetturi tal-ajru tattiki mingħajr bdot abbord;

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14).

⁽²⁾ Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

- (b) sistemi kontra vetturi tal-ajru ostili minghajn bdot abbord;
- (c) sistemi biex jingħeleb apparat splussiv improvviżat;
- (d) sistemi tal-gwerra elettronika;
- (e) vetturi militari tattiċi cross-country;
- (f) faċilità medika mobbli;
- (g) tagħmir għal unitajiet navali tal-baħar.

Il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja wkoll provvisti u servizzi relatati, inkluż taħriġ tekniku, fejn meħtieġ.

4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 42 xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Arranġamenti finanzjarji

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-miżura ta' assistenza għandu jkun ta' EUR 20 000 000.
2. In-nefqa kollha għandha tiġi ġestita f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjata taħt l-EPF.

Artikolu 3

Arranġamenti mal-benefiċjarju

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (r-"Rappreżentant Għoli") għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-benefiċjarju biex jiżgura l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-Deċiżjoni bħala kundizzjoni għall-għoti ta' appoġġ fil-qafas tal-miżura ta' assistenza.
2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-benefiċjarju jiżgura:
 - (a) il-konformità tal-unitajiet tal-Forzi tad-Difiża Kenjani appoġġati fil-qafas tal-miżura ta' assistenza mal-liġi internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali;
 - (b) l-użu xieraq u effiċjenti ta' kwalunkwe assi pprovduti skont il-miżura ta' assistenza għall-finijiet li għalihom ikunu ġew ipprovduti;
 - (c) il-manutenzjoni suffiċjenti ta' kwalunkwe assi pprovduti skont il-miżura ta' assistenza biex tiġi żgurata l-użabilità tagħhom u d-disponibilità operazzjonali matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;
 - (d) li kwalunkwe assi pprovduti skont il-miżura ta' assistenza ma jintilfux, jew jiġu ttrasferiti minghajn l-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Faċilità stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 lil persuni jew entitajiet oħra għajr dawk identifikati f'dawk l-arranġamenti, fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.
3. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-appoġġ skont il-miżura ta' assistenza f'każ li l-benefiċjarju jinstab li jkun kiser l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2.

Artikolu 4

Implimentazzjoni

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli li jiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjata taħt l-EPF, u l-Qafas Metodoloġiku Integrat għall-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-miżuri u l-kontrolli meħtieġa għall-miżuri ta' assistenza taħt l-EPF.

2. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) għandha titwettaq mill-Ministeru għad-Difiża Taljan permezz tal-Agenzia *Industrie Difesa* tiegħu.

Artikolu 5

Monitoraġġ, kontroll u evalwazzjoni

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jimmonitorja l-konformità mill-benefiċjarju mal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3. Dak il-monitoraġġ għandu jintuża biex jipprovi għarfien tal-kuntest u tar-riskji ta' ksur tal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3, u għandu jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' tali ksur, inkluż ksur tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi umanitarja internazzjonali mill-unitajiet tal-Forzi tad-Difiża Kenjani appoġġati fil-qafas tal-miżura ta' assistenza.
2. Il-kontroll ta' wara t-trasportazzjoni tat-tagħmir u tal-provvisti għandu jiġi organizzat kif ġej:
 - (a) il-verifika tal-konsenja, fejn iċ-ċertifikati tal-konsenja tal-EPF jiġu ffirmati mill-forzi tal-utent aħħari mat-trasferiment tas-sjieda;
 - (b) ir-rappurtar, li permezz tiegħu l-benefiċjarju jirrapporta kull sena dwar l-attivitajiet imwettqa bit-tagħmir, il-provvisti u s-servizzi pprovduti fil-qafas tal-miżura ta' assistenza u dwar l-inventarju ta' oġġetti deżinjati sakemm tali rappurtar ma jibqax jitqies meħtieġ mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS);
 - (c) żjarat fuq il-post, fejn malli jintalab dan, il-benefiċjarju għandu jagħti aċċess lir-Rappreżentant Għoli u lill-awdituri tal-EPF biex iwettqu verifiki fuq il-post u awditi tal-EPF.
3. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jwettaq evalwazzjoni finali mat-tlestija tal-assistenza biex jivvaluta jekk il-miżura ta' assistenza kkontribwietx biex jintlaħaq l-oġġettiv stipulat fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 6

Rapportar

Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, ir-Rappreżentant Għoli għandu jipprovi lill-KPS rapporti ta' kull sitt xhur dwar l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza, f'konformità mal-Artikolu 63 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509. L-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandu jinforma regolarment lill-Kumitat tal-Faċilità stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 dwar l-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa f'konformità mal-Artikolu 38 ta' dik id-Deċiżjoni, inkluż billi jipprovi informazzjoni dwar il-fornituri u s-sottokuntratturi involuti.

Artikolu 7

Sospensjoni u terminazzjoni

1. Il-KPS jista' jiddeċiedi li jissospendi kompletament jew parzjalment l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza f'konformità mal-Artikolu 64 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.
2. Il-KPS jista' jirrakkomanda li l-Kunsill itemm il-miżura ta' assistenza.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES